MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 04/2019

L-Erbgħa, 28 ta' Awwissu 2019

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv
Is-Sur Ryan Debrincat – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ppresjeda l-laqgħa.

### 04.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

04.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

### 04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

04.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 2/2019 u 3/2019 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

04.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

04.2.3 Ma kienx hemm korrezzjoni għall-minuti.

04.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 04.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

04.3.1 Is-Sindku beda billi rringrazzja lill-għaqdiet kollha tar-raħal li kellhom x'jaqsmu ma' l-organizzazzjoni tal-festa ta' din is-sena. Il-festa marret tajjeb u ħadd ma' weġġa.

04.3.2 Is-Sindku kompla billi qal li avolja m'għandniex x'naqsmu mal-Knisja, imma xtaq irressaq l-ilment li matul l-avveniment tal-Pussess ta' l-Isqof Cefai u tal-Pontifikal tal-festa kien hemm sħana kbira. Il-Kunsill kien xtara żewġ fannijiet xi sentejn jew tlieta ilu imma m'għadhomx hemm. Is-Sur Daniel Cordina semma li għandhom jinxtraw xi *air conditioners* għal knisja. Is-Sindku żied li jekk hemm bżonn, nitkellmu ma' l-Arċipriet u fejn nistgħu ngħinu biex jinxtraw xi fans oħra, il-Kunsill lest li jikkopera. Kien hemm qbil.

04.3.3 Is-Sindku rringrazzja lil Ministeru għal Għawdex tas-sapport, u tas-servizz ta' l-*isweeper* li offra fil-festa.

04.3.4 Is-Sindku qajjem il-punt fuq il-*camera* tal-pjazza. Qed nirċievu diversi ilmenti dwar din il-*camera*. Ir-residenti speċjalment ta' Triq il-Madonna taċ-Ċiċri mhumiex komdi b'din il-*camera*. Kulħadd ikun jaf x'inti tagħmel. Kien hemm qbil li l-*camera* tiġi posizzjonata bi dritt il-bini u l-knisja. Is-Sindku qajjem il-punt ukoll li billi bħalissa qed isir xogħol fuq il-kampnar tal-Knisja, l-aħjar li ma jiġix muri. Is-Sur Daniel Cordina ssuġġerixxa li tiġi ffukata biss fuq il-bieb tal-Knisja. Is-Sur Baskal Saliba informa lill-membri preżenti li l-arblu ta' l-armar preżenti se jinbidel u jista' jkun hemm problema fil-futur.

04.3.5 Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex il-*gazebos* tal-promende fi Triq Santa Marija, Marsalforn jinbarxu u jerġgħu jinżebħu mill-ġdid. Kien hemm qbil fuq dan u li titmexxa il-*gazebo* ta' ħdejn it-turf. Nagħmlu talba lil Perit biex japplika mal-PA.

04.3.6 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li ntbagħtu żewġ trakkijiet konkos biex jiġu rranġati xi ħitan fi Triq is-Sinet, Żebbug. Din kienet mgħoddija mil-laqgħa ta' qabel.

04.3.7 Is-Sindku ssuġġerixxa terġa tiġi organizzata ħarġa bit-*train*. Issuġġerixxa li ħabba s-sħana ssir filgħaxija u jekk jista' jkun qabel ma' tibda' l-iskola u jingħata ġelat. Il-Kunsill iħallas it-transport.

04.3.8 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li issa l-Kunsill għandu ħaddiem ġdid li se jkun qed jagħmel xogħol ta' kennies ġewwa Marsalforn. Bħalissa qed inaddaf fil-parking. Dan jagħmel xogħol ukoll ta' *electrician* li jkun jista' jgħinna fil-latrina tax-Xwejni.

04.3.9 Is-Sindku talab biex jinxtraw żewġ *badges* għall-Kunsilliera eletti ġodda tal-Kunsill u jerġgħu jiġu stampati *business cards* għal min għandu bżonn.

04.3.10 Is-Sindku ppropona li ssir attivita' żgħira li sservi ta' *team building* bejn l-istaff u l-membri tal-Kunsill u bħala ringrazzjament tas-servizz li ta s-Sur Ryan Debrincat bħala Segretarju Eżekuttiv u biex nagħtu merħba lis-Segretarju Eżekuttiv l-ġdid, Neville Galea. Kien hemm qbil fuq dan.

## 04.4 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: April 2019 – Ġunju 2019

04.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 ta' April 2019 sal-30 ta' Ġunju 2019.

04.4.2 Hu informa li l-livell ta' l-FSI issa qiegħed negattiv ta' 48%, li jfisser 2% anqas mir-rapport ta' qabel. Dan ir-rapport finanzjarju ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Intagħlab li tingħata kopja lill-membri.

## 04.5 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti

04.5.1 ZGLC/01/2019 – *Works Tender for the Embellishment of the Żebbuġ (Gozo) Playing Field*
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li skond ir-rapport tal-bord ta' l-aġġudikazzjoni, l-istess bord irrakkomanda li dan it-tender ma jingħatax minħabba l-fatt li jaqbeż l-budget b'269%. Dawk preżenti laqgħu r-rakkomandazzjoni tal-bord u kien hemm qbil li din l-offerta terġa' tiġi ppubblikata Fuq l-istess suġġett, is-Sur Daniel Cordina ssuġġerrixxa jekk nistgħux ninkludu spazju għall-arbli. Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini saħqet li hemm bżonn li tingħata tidwira tajba lill-arbli, speċjalment l-arblu tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel, li s-Sur Baskal Saliba jġib stima tax-xogħlijiet fuq l-arblu tal-Kunsill u jgħaddiha lil istess Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

04.5.2 ZGLC/02/2019 – *Tender for the Supply and Installation of Play Equipment for the Żebbuġ (Gozo) Playing Field*
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li skond ir-rapport tal-bord ta' l-aġġudikazzjoni, l-bord irrakkomanda li dan jingħata lill-orħas offerent, li kien *technically compliant.* Kien hemm qbil dwar dan. Is-Sur Daniel Cordina staqsa kemm kien hemm offerenti. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li kien hemm erba' offerenti.

04.5.3 ZGLC/03/2019 – *Tender for the Finishing Works at Xwejni Public Convenience*
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li skond ir-rapport tal-bord ta' l-aġġudikazzjoni, l-istess bord irrakkomanda li dan it-tender ma' jingħatax għar-raġuni qabeż il-*budget* b'193%. Kien hemm qbil li dan ma' jerġax joħrog u x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

04.5.4 ZGLC/04/2019 – *Tender for the removal of an existing wrought iron railing and the Manufacturing and Installation of Composite Railing at Triq Santa Marija, Marsalforn, Gozo*
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li ntefgħu tlett offerti għal dan it-tender. L-irħas offerent ma kienx *compliant*. Il-bord irrakkomanda li tingħata lit-tieni l-irħas offerent. Kien hemm qbil fuq dan, u biex jibda x-xogħol ġaladarba jiġi ffirmat il-kuntratt ta' fondi mill-PA.

04.5.5 ZGLC/05/2019 – *Tender for the Upgrading of Public Garden at upper end of Triq Santa Maria (near parking area), Marsalforn, Gozo*
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li ħadd ma tefa' offerti għal dan it-tender. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li jerġa' joħroġ.

04.5.6 ZGLC/06/2019 – *Period Contract for general paving works at Marsalforn and Żebbuġ, Gozo.*
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li ma ntefgħet l-ebda offerta għal dan it-tender. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li jerġa' joħroġ.

04.5.7 ZGLC/07/2019 – *Service Tender for the collection of Bulky refuse from the locality of Żebbuġ, Gozo in an environmentally friendly manner*
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti din kienet it-tielet darba li ħareg dan it-tender. Wara li l-bord evalwa s-sottomissjonijiet kollha, sab li l-irħas offerent ma' kienx *compliant*. Il-bord irrakkomanda li tingħata lit-tieni l-irħas offerent. Kien hemm qbil fuq dan.

## 04.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

04.6.1 Qabel ma' bdew il-mistoqsijiet tal-Kunsillieri, is-Sindku reġa' fakkar fil-suġġeriment li kien qbil fuqu waqt l-aħħar laqgħa, li kull membru tal-Kunsill għandu jressaq l-ilmenti, s-suġġerimenti u l-mistoqsijiet tiegħu bil-miktub fl-uffiċċju tal-Kunsill tlett ijiem qabel id-data tal-laqgħa.

04.6.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:
- Jittranġa d-*dogbin* li hemm il-Qbajjar għax jinsab bla lid.

- Isir xi ħaġa fuq l-*outdoor shower* li hemm fil-Menqa għax sar perikoluż u qed weġġħu n-nies. Il-Kunsill ġa bgħat dan l-ilment lid-Direttur Eko Għawdex.
- Jitnaddfu s-*slipways* ta' ħdejn il-moll u ta' taħt il-Qolla s-Safra. Is-Sindku wieġeb li s-*slipway* ta' ħdejn il-moll tnaddfet mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex u l-*slipway* tax-Xwejni tnaddfet kemm il-darba mill-ħaddiema tal-Kunsill.
- Talab biex titranġa *bollard* ħdejn Maria Giovanna Guesthouse li tinstab mqaċċta.
- Irringrazzja l-għaqdiet kollha li taw sehemhom fil-festa' speċjalment lill-Arċipriet u lis-Sindku.
- Ġibed l-attenzjoni sabiex il-Perit jittawwal ix-xogħol li kien sar fi Triq il-Wied.

04.6.3 Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

- Talab aġġornament fuq l-ilment sabiex tinstab soluzzjoni minħabba periklu fejn hemm gallarija fi Triq il-Forn k/m Triq il-Port li qiegħda 'il barra aktar mill-bankina u jista' jkun li tgħaddi vettura għolja u tolqot il-gallarija. Fuq parir tal-Perit, ġie deċiż biex jitwaħħlu *bollards* tal-plastik bi dritt il-gallarija. Kien hemm qbil fuq dan.
- Issuġġerixxa li jsir *fencing* mal-grawnd tal-futbol. Is-Sindku wieġeb li għandha tintbagħat talba lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Kien hemm qbil fuq dan.
- Talab biex jekk tistax issir mergħa fi Triq Skapuċċina faċċata' ta' garaxx. Il-Kunsill ma laqgħax din it-talba għax jista' jinħoloq preċedent.
- Ressaq l-ilment ta' diversi residenti ġewwa Marsalforn, li qed ikollhom imorru jiġbru l-posta reġistrata min-Nadur. Is-Sindku wieġeb li dan hu inaċċettabli u se jressaq dan l-ilment fil-laqgħa li jmiss tar-Reġjun li ser issir fit-13 ta' Settembru. Is-Sur Daniel Cordina żied li il-Kunsill tan-Nadur hemm bżonn igħinna f'dan il-każ.
- Semma l-każ ta' l-arblu tal-festa li tqaċċat u waqa' fil-Pjazza fil-ġimgħa tal-festa. Żied igħid li l-arbli se jinbidlu kollha u ser isiru tal-ħadid. Talab l-għajnuna tal-Kunsill biex issa t-toqob ta' dawn l-arbli għandhom isiru aktar wiesgħa. Talab ukoll biex isir toqob ġodda fi Triq Żaqi. Il-Kunsill lest li jagħmel dan ix-xogħol. Kien hemm qbil mill-membri.

- Innota lil dawk preżenti li fil-ħinijiet ta' l-iskola ikun hemm konfużjoni kbira u jinġabar ħafna traffiku fi Triq Ġoma u Triq Sant'Indrija. Is-Sindku nnota dan l-ilment u talab biex nitkellmu ma' Transport Malta u mal-Perit u jsir *Traffic Managment Plan.*
- Talab li l-websajt u l-paġna ta' Facebook tal-Kunsill jiġu aġġornati aktar ta' spiss. Is-Sindku wieġeb li issa ser jieħu ħsiebhom is-Segretarju Eżekuttiv ġdid. Hawn feraħ lis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid.
- Is-Sur Baskal Saliba nforma lill-Kunsill li fi Triq il-Qbajjar hemm xi fanali miksurin.

04.6.4 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:

- Ipproponiet sabiex il-Kunsill jibda joffri l-korsijiet tal-iskema *Life Long Learning.* Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn jistgħu jsiru s-Sajf li ġej minħabba li l-korsijiet ta' dan is-Sajf kienu ġa deċiżi. Kien hemm qbil fuq dan.
- Issuġġeriet li l-Kunsill jieħu sehem fl-avveniment tal-Malta Pride ta' din is-sena, li ser isir bejn is-6 u l-15 ta' Settembru. Issuġġeriet li jinżebaħ bank bil-kuluri li jirriflettu din l-għaqda. Is-Sindku wieġeb li jista' jinżebaħ il-bank ta' quddiem il-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.
- Saħqet li hemm bżonn ta' aktar tindif u qtugħ ta' ħaxix mar-raħal. Is-Sindku wieġeb li se tinġibed l-attenzjoni tal-ħaddiema. Ġa kien hemm kambjament.
- Talbet biex issir bankina quddiem ir-residenza ta' K. Borg, 26, Triq Skapuċċina, Żebbuġ. Qalet li kulħadd li għandu dritt għall-bankina, għalhekk ġie deċiż biex inkellmu lil Perit biex naraw kemm trid tiġi wiesa l-bankina.
- Staqsiet x'ġara fuq ix-xogħlijiet fuq il-latrina tax-Xwejni. Is-Sindku wieġeb li din se nagħmluha bil-ħaddiema tagħna. Isir meeting fuq il-post mal-Perit u l-ħaddiema. Is-Sur Daniel Cordina sostna li tingħata l-għajnuna kollha meħtieġa lill-ħaddiema.
- Issir il-manutenzjoni meħtieġa fuq is-sellum fi Xwejni ta' maġenb l-*islipway* fejn iniżżlu d-dgħajjes. Is-Sindku wieġeb li biex navżaw lis-Sezzjoni tal-*Beach Cleaning* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.
- Talbet biex jitnaddaf u ssir il-manutenzjoni meħtieġa fuq il-ġibjun/ħofra tat-Torok fil-limiti tal-Qbajjar. Is-Sindku qal biex

inqabbdu lil Richard Axiaq inaddfu. Nitolbuh stima qabel. Kien hemm qbil fuq dan.

- Talbet biex jinqata' ħaxix ħażin fi Triq tat-Tutiet. Is-Sindku wieġeb biex jintbagħat il-ħaddiema u jnaddfuh.
- Talbet biex isir kontroll tat-traffiku quddiem ir-residenza ta' J. Cini fi Triq Skapuċċina ħdejn salib it-toroq. Is-Sindku wieġeb jew tinweħel tabella jew tinżebah *STOP SIGN* fl-art. Is-Sindku sostna ukoll biex jinqata' il-weraq u l-bajtar x-xewk li hemm fuq il-bankina ħerġin quddiem ir-residenza ta' J Cini li hu ta' periklu għas-sewwieqa u dawk li jkunu fuq il-bankina. Importanti li navżaw lis-sid minn qabel. Kien hemm qbil fuq dan.

04.6.5 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Talbet biex terġa' issir iż-*Zebra Crossing* fi Triq il-Qbajjar ħdejn il-*Lantern Restaurant*. Wara diskussjoni, kien hemm qbil biex issir mill-koxxa tad-dar fit-triq il quddiem. Is-Sur Daniel Cordina saħaq li din issir basta bi qbil mar-residenti. Is-Sindku wieġeb biex tintbagħat it-talba lil Transport Malta.
- Reġgħet semmiet l-ilmenti tar-residenti ħabba l-inkonvenjenza ta' l-ittri li jridu jinġabru mill-Maltapost tan-Nadur. Is-Sindku wieġeb li dan l-ilment ġa ssemma qabel u se jsir dak li gie miftiehem.
- Issuġġeriet biex terġa' titqassam l-iskeda tat-tqassim taż-żibel. Is-Sindku wieġeb biex nerġgħu navżaw lil tas-Sanita' rigward il-problema tal-ġrieden, u jekk hemm bżonn terġa titqassam l-iskeda. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk hux għaqli biex nistennew l-1 ta' Ottubru biex nqassmu l-iskeda l-ġdida. Kien hemm qbil fuq dan minn dawk preżenti, minħabba li fl-1 ta' Ottubru toħroġ l-iskeda tax-Xitwa.
- Talbet biex titneħħa l-kaxxa tat-telephone fi Triq Santa Marija li tinsab fi stat ħażin ħafna u m'għadiex tintuża. Is-Sindku wieġeb biex issir talba lil GO biex ineħħu din il-kaxxa. Is-Sinjura Dott. Marlene Cini ssuġġeriet jekk nistgħu nagħmlu kaxxi qishom librerji minflok.
- Issuġġeriet li jingħata ftit *patching* ħdejn il-*breakwater* għax hemm il-periklu. Is-Sindku wieġeb li għandha tintbagħat talba lil ERA u ninformaw lil Perit.
- Staqsiet kif qed joħorġu permessi ta' *cranes* f'Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li kien qed jingħataw permessi urġenti biss u rari

ħafna ingħalqu toroq.

- Talbet biex isir xi ħaga u titneħħa t-tabella tal-ġelat li qed tagħlaq il-bankina fi Triq il-Forn. Is-Sindku wieġeb li l-bankini jridu jkunu aċċessibli għan-nies. Jiġu nfurmati l-Pulizija b'dan l-ilment.
- Talbet biex jitneħħa munzell kartun fi Triq Manwel Magro. Is-Sindku wieġeb li kien ġa nġabar. Is-Sur Daniel Cordina żied li f'każi bħal dawn, jekk hemm bżonn jintbgħatu l-uffiċċjali tal-LESA.
- Issuġġeriet li jsir aċċess għal persuni li jużaw wheelchair fl-uffiċċju l-ġdid li nfetaħ f'Marsalforn, Ċentru għall-Familja u l-Komunita' fi Triq Barda. Is-Sindku wieġeb li għandna nitkellmu mal-Perit u nagħmlu appuntament miegħu.

## 04.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

04.7.1 Ċirkulari Espressjoni ta' Interess - *Clean Up the World 2019.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.2 Ċirkulari Numru DLG 14/2019 – Onorarja u *Allowances.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.3 Ċirkulari AKL 2019/069 – *Carer accompanying a disabled person – Senior Passport Scheme.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.4 Ċirkulari AKL 2019/070 – *European Mobility Week 2019 – Senior Passport Scheme.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.5 Ċirkulari AKL 2019/071 – Materjal – Seminar – Fondi għall-inizjattivi Kulturali/Soċjali mill-Fondi tal-LESA. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.6 Ċirkulari AKL 2019/072 – M.Sc fil-Governanza u l-Immaniġġjar *MQF Level 7 – 2019 Intake.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.7 Ċirkulari AKL 2019/073 – Sejħa għall-Kunsilli Lokali li huma interessati li jipparteċipaw fil-proġett *ADMIN4ALL.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.8 Ċirkulari AKL 2019/076 – *Spread the Love Due to Homelessness.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.9 Ċirkulari AKL 2019/077 – Rapport Amministrattiv – Il-Ħidma tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fit-Tieni Kwart tas-Sena 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.10 Ċirkulari AKL 2019/078 – Reġistrazzjoni *Teambuilding* 05/10/19. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.11 Ċirkulari AKL 2019/079 – Stqarrija AKL 05/2019 – L-Indafa Pubblika. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.12 Ċirkulari AKL 2019/080 – Reġistrazzjoni għas-Sessjoni ta' Taħriġ għall-Membri Eletti 14/09/2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.13 Ċirkulari AKL 2019/082 – *Stackable Waste Separation Bins.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.14 Ċirkulari AKL 2019/083 – *TM Launching a new mobile application called My Malta Plan.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.15 Ċirkulari DLG 17 2019 – Komunitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.16 Ċirkulari AKL 2019/093 – *Social Media.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.17 Ċirkulari AKL 2019/094 – *European Mobility Week – Permanent Sustainable Mobility Measures.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.18 Ċirkulari AKL 2019/095 – Inizjattivi *Wasteserv.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.7.19 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta dwar applikazzjoni għal *Reserved Parking Bay* fl-indirizz 41/5, Triq Santa Marija, Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li hemm bżonn aktar dettalji, ritratti u *site plan.*

04.7.20 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand R. Portelli mill-*Local Government Division* li tgħid li dan id-dipartiment għadu mhux infurmat jekk hix se tingħata għajnuna finanzjarja rigward il-ħsarat ikkawżati mill-maltemp. Is-Sur Daniel Cordina enfasizza li bħala Kunsill konna mwegħda li se ningħataw din l-għajnuna. Is-Sindku wieġeb li

għandna nitolbu stima lil Richard u lil Conrad, naraw il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill u niddeċiedu minn hemm.

04.7.21 Il-Kunsill irċieva talba mingħand J. Grima, *Executive Officer* tal-Kunsill biex jingħatalha *increment* fin-notch fl-iskala u tiġi Skala 13 Notch 4 wara li għalqet sena f'Notch 3. Kien hemm qbil fuq dan.

04.7.22 Il-Kunsill irċieva ukoll ittra mingħand Margaret Bonello, mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, tikkonferma l-ingaġġ tas-Sur Neville Galea bħala s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid tal-Kunsill. Il-Kunsill innota dan.

04.7.23 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun ta' Għawdex dwar l-iffirmar tal-kuntratt tad-*Data Protection Officer*. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li dan jiġi ffirmat.

04.7.24 Il-Kunsill irċieva talba mill-amministrazzjoni ta' l-iskola taż-Żebbuġ biex issir laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsill innota l-kontenut u qed jipproponi d-data tat-18 ta' Settembru 2019 fis-6.00pm.

04.7.25 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sinjura Josianne Cassar dwar laqgħa ta' Informazzjoni dwar Skemi ta' Finanzjament u Inizjattivi. Il-Kunsill innota l-kontenut. Ser jattendi s-Segretarju Eżekuttiv.

04.7.26 Il-Kunsill irċieva ukoll ittra mingħand il-Pulizija biex isir ħabel oħxon tul il-bajja tax-Xwejni li miegħu jkunu mwaħħlin xi ċineg u dan il-ħabel jitpoġġa f'post sikur fuq il-bajja stess. Il-Kunsill innota l-kontenut. Is-Sindku ssuġġerixxa li nitolbu l-parir ta' l-ERRC.

04.7.27 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Kenneth Cutajar – Tieġ – Xwejni Salt Pans – 6 ta' Ottubru 2019;
- Dr Daniel Calleja obo Otters ASC – Attivita' Soċjali – Quddiem il-klabb ta' l-Otters ASC, Triq Santa Marija, Marsalforn – 5 ta' Settembru 2019;
- Joseph Mercieca obo Country Terrace – Attivita' Soċjali – Xwejni taħt il-Qolla l-Bajda – 25 ta' Settembru 2019;
- Azzurra Masucci obo Mario Botte – Il Magnifico – Band – Il Magnifico, Triq il-Port, Marsalforn – 23, 30 ta' Lulju 2019 – 06,

13, 27 ta’ Awwissu 2019 – 03, 10, 17, 24 ta’ Settembru 2019;

- Alfred Grech obo Leġjun ta’ Marija – Manifestazzjoni Marjana Djoċesana – Triq il-Wied, Marsalforn – 20 ta’ Awwissu 2019;
- Jolene Borg obo Sezzjoni Żgħażagħ – Attivita’ Soċjali – Ħdejn ir-Rook, Qolla l-Bajda – 9 ta’ Awwissu 2019;
- Diane Mizzi obo Culture Deparment – Brass Tube Concert – Menqa, Marsalforn – 8 ta’ Awwissu 2019.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill, u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

04.7.28 Ilment Nru. 32/2019 – C. Cordina
Titlob biex jerġgħu jinżabħu d-*double yellow lines* fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn, bejn Ta’ Dirjanu Supermarket u l-ħanut Hakari Handmade Artisan Shop. Kien hemm qbil fuq dan.

04.7.29 Ilment Nru. 33/2019 – O. Gatt
Titlob biex isiru bins maċ-ċint tal-Menqa, Marsalforn. Issir talba lis-Sur Henry Cefai mill-Ministeru biex isiru aktar *bins*.

04.7.30 Ilment Nru. 34/2019 – M. Sciberras
Titlob biex jitpoġġew aktar *skips* fi Triq Lifurna. Ma kienx hemm qbil fuq dan.

04.7.31 Ilment Nru. 35/2019 – M. Gauci
Titlob biex isir *disabled parking* quddiem l-indirizz, Bajtra, Triq is-Salini, Marsalforn. Ma kienx hemm qbil fuq dan għax fejn qed tipproponi jiġi quddiem garaxx.

04.7.32 Ilment Nru. 36/2019 – J. Magro
Jitlob biex jittieħdu miżuri ta’ *traffic management* inkluż tpinġija ta’ *parking bays* u *double yellow lines* fi Triq il-Ponta, Triq tas-Sellum u Triq Lampuka, ż-Żebbuġ. Kien hemm qbil mill-membri biex il-Perit tal-Kunsill jara x’nistgħu nagħmlu.

04.7.33 Ilment Nru. 37/2019 – Ġ. Cassar
Titlob biex jinżebaħ *SLOW SIGN* jew isir *sleeping policeman* fi Triq Ġoma u Triq Dun Franġisk Vella, iż-Żebbuġ. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Perit tal-Kunsill iħejji *traffic management plan*.

04.7.34 Ilment Nru. 38/2019 – C. Saliba
Jitlob biex isir *safety bar* jew *railing* quddiem 63, Triq il-Knisja. Is-Sindku wieġeb biex issir bil-kuluri isfar u iswed. Kien hemm qbil dwar dan.

04.7.35 Ilment Nru. 39/2019 – M. Grech
Jitlob biex issir tabella *STOP SIGN* fuq arblu bejn Triq il-Qbajjar u Triq il-Forn. Kien hemm qbil dwar dan, imma x-xogħol isir wara li jitneħħa l-iscaffolding.

04.7.36 Ilment Nru. 40/2019 – C. Saliba
Jitlob biex jitranġa fanal dekorattiv li jinsab ħdejn in-niċċa tar-residenza tiegħu. Kien hemm qbil dwar dan.

04.7.37 Ilment Nru. 41/2019 – J. Galea
Jitlob biex isir extension tad-*double yellow lines* eżistenti quddiem l-entratura ta' 5B, Teo's Crt, Triq ix-Xtut, Marsalforn. Ma kienx hemm qbil fuq dan.

04.7.38 Ilment Nru. 42/2019 – R. Calleja
Jitlob biex titranġa bankina eżistenti peress li l-mara ta' dan l-individwu għandha problema ta' mobilita' quddiem Waterfell, Trejqet l-Andar, Żebbuġ. Kien hemm qbil li nagħmlu kuntatt mas-sid biex jara x'inhu l-aħjar għalih hux istallazzjoni ta' railing jew titbaxxa l-bankina.

04.7.39 Ilment Nru. 43/2019 – M. Pitre
Jitlob biex issir mera faċċata ta' l-indirizz ta' Ta' Xanah, Triq Zaki, Żebbuġ biex ikun jista' jara t-traffik gej minn Triq Madonna taċ-Ċiċri. Ma kienx hemm qbil fuq dan.

04.7.40 Ilment Nru. 44/2019 – J. Zammit
Titlob biex isiru *double yellow lines* fi Triq San Mikiel, kantuniera ma' Triq Għajn Mhelhel. Is-Sindku wieġeb li ġa hemm STOP SIGN u mhux permessibli li jsir parkeġġ hemmhekk.

04.7.41 Ilment Nru. 45/2019 – J. Gatt
Titlob biex isiru *double yellow lines* faċċata ta' Tamadea, Triq il-Ponta, Żebbuġ. Ma kienx hemm qbil fuq dan.

04.7.42 Ilment Nru. 46/2019 – M. Vella
Titlob biex is-sement li jinstab taħt il-bankina jiġi mwassal sal-katusa quddiem Island Break Residence, Triq ta' Barda, Marsalforn. Kien hemm qbil dwar dan.

04.7.43 Ilment Nru. 47/2019 – A. Debrincat
Jitlob li jsir *culvert* fi Sqaq Pubbliku fi Triq Għażżiela, iż-Żebbuġ għax ix-xita qed tikkawża ħsara kbira. Is-Sindku wieġeb li għandha ssir talba lil Ministeru għall-fondi. Se jitkellem mas-Sur Lorry Apap. Kien hemm qbil fuq dan.

04.7.44 Ilment Nru. 48/2019 – H. Agius
Titlob biex issir *disabled parking bay* quddiem Blk C, Triq Manwel Magro, Marsalforn. Kien hemm qbil dwar dan.

04.7.45 Ilment Nru. 49/2019 – J. Saliba
Jitlob li jsir xi ħaġa fuq il-*camera* tal-Pjazza għax qegħdin imissuha. Deċiżjoni ttieħdet aktar qabel. Kien hemm qbil dwar dan.

04.7.46 Ilment Nru. 50/2019 – F. Buhagiar obo CRPD
Jitlob biex jitranġaw il-bankini fi Triq Santa Marija u Triq Manwel Magro. Il-Kunsill qabel li tiġi kkunsidrata la darba jkun hemm il-fondi.

04.7.47 Ilment Nru. 51/2019 – A. Baldacchino
Bħal ilment nru 50/2019.

04.7.48 Ilment Nru. 52/2019 – V. Apap
Jitlob biex jitneħħa kantun minn quddiem Paul Jane, Triq ta' Barda, Marsalforn. Kien hemm qbil dwar dan.

04.7.49 Ilment Nru. 53/2019 – Supt. M. Cauchi
Jagħmel dawn is-suġġerimenti lill-Kunsill:

- Issir *roundabout* fil-*junction* tat-Triq ix-Xwejni / Triq Qbajjar u Triq Santa Marija. Is-Sindku wieġeb li għandna nieħdu parir mingħand il-Perit tal-Kunsill. Imma jekk issir, din għandha tinżebaħ fl-art.
- Issir xi ħaga ħdejn it-tlett supermarkets fejn minn Triq il-Qbajjar iddur għal Triq il-Forn. Is-Sindku wieġeb li għandna nibgħatu pjanta lil Perit. Is-Sur Daniel Cordina sostna li ma nistgħux

ninjoraw dawn is-suġġerimenti tas-Supretendent.

- Jilmenta li r-*road markings* huma fi stat ħażin. Is-Sindku jwieġeb li għandha ssir talba lil Ministeru biex isir *refreshing* ta' dawn is-sinjali tat-traffiku.
- Jissuġġerixxi biex isir aktar infurzar, speċjalment rigward parking illegali fi tmiem il-ġimgħa, klieb igħumu fil-baħar u bini. Is-Sindku wieġeb li jaqbel ma' dawn is-suġġerimenti u li hemm bżonn ta' aktar infurzar. Jitlob il-kooperazzjoni tal-Pulizija f'dawn l-affarijiet.

04.7.50 Ilment Nru. 54/2019 – Intervention Team Ministry for Gozo
Jitlob biex jiġi investigat rapport ta' rimi illegali ta' skart fit-telgħa taż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb li ġa għadda l-ilment lil Pulizija u għandha tiddeċiedi hi.

04.7.51 Ilment Nru. 55/2019 – A. Pace
Jitlob biex jitranġa l-viżwal tal-*camera* tal-Pjazza. Is-Sindku wieġeb li ġa ddeċidejna fuqha aktar il fuq.

04.7.52 Ilment Nru. 56/2019 – D. Cefai
Tixtieq tgħaddi suġġeriment biex fil-14 ta' Settembru 2019 issir l-attivita' li ssir kull sena biex jinġabru fondi għal Puttinu Cares bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil li l-Kunsill jordna s-servizz ta' *Enforcement officers* minn Transport Malta, jissuplixxi tifkiriet tal-okkażjoni għall-parteċipanti tal-*car show*, *bouncing castle* għat-tfal preżenti, kif ukoll *temporary meter* għas-sistema tad-dawl.

04.7.53 Ilment Nru. 57/2019 – G. Formosa
Titlob biex il-klieb ma' jgħumux fejn mhux permess għalihom li jgħumu u li vannijiet ta' kumpaniji tal-parking qed jieħdu l-parkings kollha fix-Xwejni. Is-Sindku wieġeb li ġa hemm tabelli jindikaw li mhux suppost jgħumu klieb. Kien hemm qbil fost il-membri li klieb jistgħu jitniżżlu fil-baħar taħt it-*toilets* tal-promenade, mis-*slipway* il-barra.

04.7.54 Ilment Nru. 58/2019 – E. Mifsud Bondin
Titlob biex jitneħħa kantun minn quddiem bankina, u li tingħata rifużjoni tal-ħsara. Kien hemm qbil li jitneħħa l-kantun u tiġi mħallsa l-ħsara.

04.7.55 Ilment Nru. 59/2019 – M. Murgo
Titlob li jsiru bollards biex ma jipparkjawx karozzi taħt ir-residenza tagħha. Ma kienx hemm qbil fuq dan.

04.7.56 Ilment Nru. 60/2019 – W. Grech
Jitlob biex it-tabella *No Entry* ħdejn Pjazza San Pawl quddiem Triq id-Duluri tinkludi *except residents between 18:00 – 04:00.* Ma kienx hemm qbil minn dawk preżenti fuq dan.

04.7.57 Ilment Nru. 61/2019 – K. Vella Muscat
Jitlob li jitwaħħal *sign* biex ma jintremiex zibel maġenb Magro Court, Triq Manuel Magro, Marsalforn, u li jitwaħħlu cameras mar-residenza tiegħu. Is-Sindku wieġeb li ġa hemm *sign*. Talab illi nieħdu parir mingħand l-I.D.P.C. dwar il-proċedura li trid issir biex isiru s-CCTVs. Kien hemm qbil dwar dan.

04.7.58 Ilment Nru. 62/2019 – M. Rapa
Titlob li jsir *double yellow lines* fil-kantuniera fil-bidu ta' Triq Barda, Marsalforn. Kien hemm qbil dwar dan.

04.7.59 Ilment Nru. 63/2019 – M. Saliba
Tissuġġerixxi li tagħmel skulturi differenti bil-materjal *barbed wire* ta' kreaturi tal-baħar fejn in-nies ikunu jistgħu jarmu skart riċiklat. Is-Sindku wieġeb li għandna nieħdu parir mingħand l-ERA, u naraw fejn se jeħlu. Kien hemm qbil fuq dan.

04.7.60 Ilment Nru. 64/2019 – T. Cini
Titlob li jsiru metru *double yellow lines* man-naħħa tal-garaxx fi Triq Skapuċċina. Kien hemm qbil fuq dan.

04.7.61 Ilment Nru. 65/2019 – L. Borg
Titlob li ssir bozza ġdida fi Triq tax-Xtut. Kien hemm qbil fuq dan.

04.7.62 Ilment Nru. 66/2019 – A. Cini
Titlob li jsiru *double yellow lines* faċċata tal-garaxx fi Triq Skapuċċina. Kien hemm qbil fuq dan.

## 04.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

04.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 02/2019 għall-perjodu bejn l-4 ta' Lulju

2019 u t-23 ta’ Awwissu 2019 li tammonta għal €96,646.26 ġiet approvata u ffirmata.

## 04.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-8.30 ta’ filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 23 ta’Settembru 2019 fis-6.00 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 23 ta’ Settembru 2019.

| | |
|---|---|
| *Iffirmata* | *Iffirmata* |
| Nicky Saliba | Neville Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |